QORTI CIVILI PRIM`AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 27 ta` Marzu 2018**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Nru. 200/2016 JZM**

**Wara l-Mandat ta` Sekwestru Numru 1238/2013 fl-ismijiet :**

**Vassallo Builders Group Limited (C2448)**

***kontra***

**Alexander Caruana Soler (ID 166457M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat Vassallo Builders Limited fil-11 ta` Marzu 2016 li jaqra hekk :–

*Illi wara diversi Mandati ta` Sekwestru mahruga minn diversi kredituri ta` Alex Caruana Soler (ID 166457M), giet depozitata fir-Registru tal-Qrati Civili u Tribunali s-somma komplessiva ta` wiehed u tletin elf, erba` mija u wiehed u tletin euro u sebgha u disghin centezmu (€31,431.97) permezz ta` numru ta` cedoli hawn taht imsemmija :*

*a) Cedoli ta` Depozitu numru 121/2011, 330/2011, 331,2011, 480/2011, 497/2011, 663/2011, 825/2011, 965/2011, 1034/2011, 1189/2011, 1462/2011, 1463/2011, 1643/2011, 18/2012, 241/2012, 384/2012, 656/2012, 657/2012, 935/2012, 936/2012, 1061/2012, 1205/2012, 1347/2012, 1505/2012, 1650/2012, 1788/2012, 99/2013, 181/2013, 322/2013, 431/2013, 566/2013, 674/2013, 810/2013, 1015/2013, 1264/2013, 1576/2013, 1671/2013, 16/2014, 109/2014, 461/2014, 757/2014, 1079/2014, 1418/2014, 1419/2014, 1803/2014, 245/2015, tal-Ufficju tal-President ta` Malta wara l-Mandat ta` Sekwestru Numru 1877/2010 fl-ismijiet "L-Avukat Rachel Loporto Montebello bhala mandatarju specjali ta` l-assenti Francis Montanaro (Karta tal-Identita` Numru 176576M u 146582M) vs. Alex Caruana Soler (Karta tal-Identita` Numru 166457M), li permezz taghhom giet depozitata fir-Registru tal-Qrati Civili u Tribunali s-somma ta` sebgha u ghoxrin elf, erba` mija u hamsa u sebghin euro u tmintax –il centezmu (€27,475.18) ;*

*b) Cedoli ta` Depozitu numru 788/2014, 1124/2014, 1496/2014, 2075/2014, 2076/2014, 2566/2014, 368/2015, tal-Ufficju tal-President ta` Malta wara l-Mandat ta` Sekwestru Numru 340/2013 fl-ismijiet Ventura General Gas (C 7364) vs Alex Caruana Soler (ID 166457M), giet depozitata fir-Registru tal-Qrati Civili u Tribunali s-somma ta` tlett elef, disa` mija u sitta u hamsin euro u disgha u sebghin centezmu (€3,956.79).*

*Illi s-socjeta` esponenti giet kanonizzata kreditrici ta` Alex Caruana Soler (ID 166457M) fis-somma ta` tmintax-il elf, mija u tletin u disghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€18,193.48) flimkien mal-imghaxxijiet legali dekorabbli fuq l-istess ammont b`effett mill-20 ta` Gunju 2013, u kif ukoll spejjez gudizzjarji tal-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Art 166A tal-Kap. 12 datata 20 ta` Gunju 2013 fl-ismijiet "Vassallo Builders Group Limited wara ittra (C 2448) vs Alex Caruana Soler (ID 166457M)", ittra numru 205/2013, fl-ammont ta` tliet mija u disgha u sittin euro u wiehed u hamsin centezmu (€369.51) u wiehed u sittin euro u sitt centezmi (€61.06) VAT fuq l-istess, u dan permezz ta` titolu ezekuttiv ottjenut mis-socjeta` Vassallo Builders Group Limited wara ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, datata 20 ta` Gunju 2013, liema ittra giet reza ezekuttiva nhar it-30 ta` Lulju 2013, fl-ismijiet "Vassallo Builders Group Limited (C 2448) vs Alex Caruana Soler (ID 166457M)". Kopja tal-ittra ufficjali u tat-taxxa relattiva huma hawn annessi u mmarkati bhala Dok. "VBL 1", u Dok. "VBL 2" ;*

*Illi l-esponenti ottjeniet ukoll il-hrug ta` Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv Numru elf mitejn u tmienja u tletin zbarra elfejn u tlettax (1248/2013), fl-ismijiet Vassallo Builders Group Limited vs Alex Caruana soler (ID 166457M), datat 6 ta` Settembru 2013. Kopja tal-Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv hawn anness u mmarkat bhala dok. "VBL 3".*

*Illi wara li ottjeniet it-titolu ezekuttiv hawn fuq imsemmi, is-socjeta` rikorrenti iskriviet Ipoteka Generali bin-numru I 6400/2014, insinwata nhar id-29 t`April 2014, kopja ta` liema tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "VBL 4".*

*Illi bis-sahha tal-imsemmija Ipoteka Generali s-socjeta` rikorrenti tippregradwa lil kredituri ohra, u dana skond ma jirrizulta mir-ricerki ta` Alex Caruana Soler.*

*Illi s-socjeta` rikorrenti bhala kreditrici tal-imsemmi Alex Caruana Soler tippretendi s-somma ta` tmintax-il elf, mija u tlieta u disghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€18,193.48) flimkien mal-imghaxxijiet legali dekorribbli fuq l-istess ammont b`effett mill-20 ta` Gunju 2013 sad-data tal-effettiv pagament, u kif ukoll spejjez gudizzjarji, izda ma tistax tohodha mill-ammonti depositati fir-Registru tal-Qrati Civili u Tribunali ghaliex hemm ohrajn li jippretendu wkoll, jew jidrilhom li ghandhom interess fl-ammonti hemm depositati b`mod li hemm issa lok ghall-ftuh ta` konkors fuq dawk id-depositi bejn il-kredituri tal-imsemmi Alex Caruana Soler.*

*Ghaldaqstant s-socjeta` esponenti, filwaqt li tirriserva li ggib il-provi kollha ammissibbli skond il-Ligi, titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni :*

*i) Tordna l-ftuh tal-konkors tal-kredituri, ai termini tal-Artikolu 416 tal-Kodici t`Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), fuq id-depoziti li saru permezz tac-Cedoli ta` Depozitu enumerati 121/2011, 330/2011, 331,2011, 480/2011, 497/2011, 663/2011, 825/2011, 965/2011, 1034/2011, 1189/2011, 1462/2011, 1463/2011, 1643/2011, 18/2012, 241/2012, 384/2012, 656/2012, 657/2012, 935/2012, 936/2012, 1062/2012, 1205/2012, 1347/2012, 1505/2012, 1650/2012, 1788/2012, 99/2013, 181/2013, 322/2013, 431/2013, 566/2013, 674/2013, 810/2013, 1015/2013, 1264/2013, 1576/2013, 1671/2013, 16/2014, 109/2014, 461/2014, 757/2014, 788/2014, 1079/2014, 1124/2014, 1418/2014, 1419/2014, 1496/2014, 1803/2014, 2075/2014, 2076/2014, 2566/2014, 245/2015 u 368/2015.*

*ii) Tordna l-pubbblikazzjoni relattiva kontemplata fl-Artikolu 416 tal-Kodici t` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), bl-abbrevjazzjoni tat-termini minhabba n-natura kummercjali tal-kreditu, u dan skond l-Artikolu 416(3) tal-istess Kap. 12.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors.

**Rat id-digriet li tat fis-26 ta` Mejju 2016 fejn HSBC Bank Malta plc, General Gas Limited, Automated Revenue Management Services Limited, Billboard Express Limited u Vassallo Builders Group Limited kienu ammessi sabiex jikkonkorru bhala l-kredituri ta` Alexander Caruan Soler ghall-import tac-cedoli ta` depozitu fuq riferiti.**

Rat id-digriet li tat fl-istess jum fejn kien mahtur l-Avukat Dottor Richard Galea Debono bhala espert legali fil-qasam tal-konkors tal-kredituri sabiex jirrelata dwar il-gradwazzjoni tal-krediti u jaghmel kull osservazzjoni ta` rilevanza ghall-kaz.

Rat il-provi li ngabru mill-espert tal-Qorti.

Rat ir-relazzjoni tal-espert li kienet debitament ikkonfermata bil-gurament quddiem il-Qorti.

Rat in-nota li pprezentat Automated Revenue Management Services Limited fejn talbet il-hatra ta` periti addizzjonali.

Rat nota ohra li pprezentat l-istess Automated Revenue Management Services Limited fejn talbet li teskuti lill-espert.

Rat ir-relazzjoni addizzjonali li pprezenta Dr Galea Debono fit-13 ta` Frar 2018.

Semghet ix-xhieda in eskussjoni ta` Dr Galea Debono fl-udjenza tat-13 ta` Frar 2018.

Rat illi t-talba ghall-hatra ta` periti addizzjonali kienet respinta fl-14 ta` Frar 2018 wara li fl-udjenza tat-13 ta` Frar 2018 il-kredituri konkorrenti kollha (inkluz Automated Revenue Management Services Limited) iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Ic-cedoli ta` depozitu

Dan il-konkors qed isir fuq l-ammont komplessiv ta` EUR 31,431.97, import ta` c-cedoli ta` depozitu mertu ta` dan il-procediment. Id-dettalji tad-diversi cedoli jirrizultaw mill-atti.

## III. Il-kredituri konkorrenti

Wara li kienet finalizzata l-procedura skont l-Art 416 tal-Kap 12, il-kredituri li kienu ammessi jikkonkorru ghall-import tad-diversi cedoli kienu :-

**HSBC Bank Malta plc,**
**General Gas Limited,**
**Automated Revenue Management Services Limited;**
**Billboard Express Limited**
**Vassallo Builders Group Limited**

## IV. Provi dwar il-krediti

In sintesi, il-provi tal-konkorrenti kienu dawn :-

### 1. Vassallo Builders Group Limited

**L-Av. Dr. Aldo Vella** xehed illi huwa direttur u konsulent legali tas-socjeta` Vassallo Builders Group Limited. Ikkonferma li Vassallo Builders Group Limited hija kreditrici ta` Alexander George Caruana Soler fis-somma ta` EUR 16,300 bhala *sorte* rapprezentanti self *brevi manu.* Dan kien segwit minn skrittura privata ta` kostituzzjoni ta` debitu tas-26 ta` Settembru 2011.

Kompla jixhed illi fl-20 ta` Gunju 2013, kienet ipprezentata ittra ufficjali skont l-Art 166A tal-Kap 12 kontra Caruana Soler, li ghalkemm kien notifikat

fis-26 ta` Gunju 2013, baqa` ma pprezentax risposta u lanqas ikkontesta l-ammont mitlub. Ghalhekk Vassal,lo Builders Group Limited kisbet titolu ezekuttiv.

Stqarr li sar mandat ta` sekwestru ezekuttiv 1238/2013 kontra Caruana Soler u kienet iskritta ipoteka generali 6400/2014 segwita minn ipoteka specjali 8673/2014.

Kompla jghid li l-kreditu ta` Vassallo Builders Group Limited fil-konfront ta` Caruana Soler jikkonsisti fis-somma ta` EUR 16,300 bhala *sorte,* l-imghax legali bir-rata ta` 8% fis-sena b` effett mis-26 ta` Settembru 2011 sal-effettiv pagament, l-ispejjez gudizzjarji tal-ittra ufficjali li jammontaw ghal EUR 369.51 u l-ispejjez tal-mandat ta` sekwestru numru 1238/2013.

**2. <u>HSBC Bank Malta plc</u>**

**<u>Edward Mizzi</u>** – Collections Manager – HSBC Bank Malta plc – xehed illi Alexander George Caruana Soler kellu facilita` ta` VISA Card mal-bank skont kont nru 033-125022-340. Billi l-kont kien *overdrawn,* il-bank ipprezenta ittra ufficjali nru 3801/11 skont l-Art 166A tal-Kap 12 fid-19 ta` Ottubru 2011. L-ittra ufficjali kienet reza esekuttiva fis-6 ta` Jannar 2012. In segwitu kienet registrata ipoteka gudizzjali kontra d-debitur nru 3909/13 u kif ukoll ipoteka specjali nru 11005/14 fuq ishma indivizi ta` proprjeta` li kellu.

Stqarr illi minn ricerka li saret, irrizulta li l-kreditu taghhom kien jippregradwa kull kreditu iehor. Sal-23 ta` Frar 2017, il-kreditu tal-bank kien jaqra EUR 6,609.28c, in kwantu ghal EUR 4,589.96c bhala sorte u in kwantu ghal EUR 2,019.32 bhala imghax. Ma` din ic-cifra, iridu jizdiedu EUR 160.41 rapprezentati bhala spejjez gudizzjarji.

Fil-**<u>kontroezami</u>** xehed illi l-imghax kif jidher fl-*statement* beda jiddekorri mill-21 ta` Mejju 2010. Il-*credit card* qalbet ghal *loan* ghaliex kienet *rescheduled* b`effett mill-21 ta` Mejju 2010.

**3. <u>Automated Revenue Management Services Limited</u>**

**<u>Reuben Bonnici</u>** mill-Ufficcju Legali ta` ARMS Limited xehed illi s-socjeta` hija kreditrici ta` d-debitur fl-ammont ta` EUR 16,182.17 skont lodo arbitrali nru EW 3586/2013 fl-ismijiet *Automated Revenue Management Services*

*Limited vs Alexander Caruana Soler* deciza fit-22 ta` Dicembru 2014. Kellu jhallas ukoll l-ispejjez tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju nru 530/13 u l-ispejjez legali, oltre l-imghax sad-data tal-effettiv pagament. Sar mandat ta` sekwestru ezekuttiv fis-17 ta` April 2015. Kienet iskritta wkoll ipoteka generali nru 12720/2016.

**4. <u>Billboard Express Limited</u>**

**<u>Dr. George Said</u>** – direttur ta` Billboard Express Limited – xehed illi s-socjeta` hija kreditrici ta` Alexander Caruana Soler fl-ammont ta` EUR 549.73c flimkien mal-imghax skont il-ligi. Saret ittra ufficjali ezekuttiva fit-12 ta` Novembru 2009 ai termini ta` l-Art 166 A tal-Kap 12, segwita minn mandat ta` qbid ezekuttiv nru 211/2010 tat-22 ta` Jannar 2010.

Kompla jghid li d-debitur baqa` ma hallas xejn.

Stqarr illi apparti s-sorte ta` EUR 549.73c, akkumula imghax ta` EUR 314.87c bejn il-5 ta` Jannar 2010 u t-3 ta` Marzu 2017. Kien hemm ukoll l-ispejjez ta` l-ittra ufficjali (EUR 86.24c) u dawk tal-mandat ta` qbid (EUR 126.96).

**V. <u>Ir-relazzjoni</u>**

**1. <u>Osservazzjonijiet</u>**

L-espert legali jaghmel osservazzjonijiet abbazi tal-provi akkwiziti :-

***<u>Vassallo Builders Group Limited</u>* –**

*"Din esibiet affidavit ta` Dr Aldo Vella. Fl-affidavit jinghad illi l-kreditur kien silef lid-debitur is-somma ta` sittax-il elf u tliet mitt euro EUR 16,300. Saret ittra ufficjali taht l-artikolu 166 A li kopja taghha tinsab fil-process a fol 11 u turi riferta pozittiva a fol 14. A fol 13 hemm annessa taxxa tal-ispejjez. L-ittra ufficjali tirreferi ghas-somma ta` EUR 18,198.48 ghaliex tinkludi l-imghax li kien lahaq iddekorra miz-zmien tas-self, sal-mument meta saret l-ittra. A fol 19 hemm kopja ta` nota ta` iskrizzjoni ta` ipoteka generali mill-*

*kreditur kontra Alexander George Caruana Soler bil-karta ta` identita` numru 166457M li ggib in-numru 6400 tal-2014 li tinsinwa ipoteka generali a favur Vassallo Builders Group Limited fis-somma ta` EUR 18,198.48, flimkien mas-somma ta` EUR 369.51 rapprezentanti spejjez tal-ittra ufficjali liema taxxa tinsab ukoll ezebita a fol 5.*

***Rekapitu –***

***Vassallo Builders Group Limited sittax-il elf u tliet mitt Euro (EUR16,300) bl-imghax mill-1 ta` Jannar 2012 sal-31 ta` Lulju 2017***

*(Kien hemm qbil fost il-kredituri privileggjati u dawk kirografarji hlief General Gas Limited li ma wegbitx, li dawn jirrinunzjaw ghall-imghax ulterjuri li kien ikun dovut sal-effettiv hlas.)*

***HSBC Bank Malta plc*** –

*"Il-bank avvanza pretensjoni (fol 28) fejn qed jitlob li jigi rikonoxxut bhala kreditur kontra id-debitur fis-somma ta` hamest elef mija u disa` euro u seba` centezmi (EUR 5,109.07) dovuti in rifuzjoni ta` avvanzi li kienu saru lid-debitur fuq gbid minn credit card. L-ammont intalab bl-imghax mill-11 t` Ottubru 2011. Il-bank jivvanta titolu ezekuttiv in forza ta` ittra ufficjali skont l-artikolu 166A. A fol 30 ezebixxa kopja ta` nota ta` iskrizzjoni ta` iipoteka kontra d-debitur Alexander George Caruana Soler bil-karta ta` identita` numru 166457M liema nota ggib in-numru 3909 tal-2013. Din tikkrea ipoteka Generali Gudizzjali. Saret ipoteka specjali addizzjonali ghall-ammont imsemmi bin-numru 11005 tal-2014. Hemm spejjez legali ta` mija w sittin euro u wiehed u erbghin centezmu (EUR 160.41) skont dokument a fol 84.*

***Rekapitu –***

***HSBC Bank Malta plc hamest elef mija u disa` Euro u seba` centezmi (EUR 5,109.07) bl-imghax mill-11 ta` Ottubru 2011 sal-31 ta` Lulju 2017.***

***General Gas Limited*** –

*"B`nota a fol 32 dan il-kreditur talab jikkonkorri b` kreditu ta` elf, mija w sitta w hamsin euro (EUR 1,156) bl-imghax mill-4 ta` Lulju 2011. Il-kreditu jirrisali minn sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tad-29 ta` Novembru 2012. Ma` dawn jizdiedu l-ispejjez gudizzjarji ta` tnejn u sebghin eurp u seba` w disghin centemu (EUR 72.97) tal-ittra ufficjali numru 3743/2011 (fol 36) u tal-kawza talba numru 258/2012 ammontanti ghal mija sitta w disghin euro u tlieta w tmenin centezmu (EUR 196.83) u tal-mandat ta` sekwestru numru 340/2013 fis-somma ta` mija tnejn w tletin euro u tlieta w tletin centezmu (EUR 132.33) (fol 38). L-ammont intalab ukoll bit-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali.*

***Rekapitu –***

***General Gas Limited, elf mija w sitta w hamsin Euro (EUR 1,156) bl-imghax mill-4 ta` Lulju 2011 sal-effettiv hlas u bl-ispejjez imsemmija.***

*(Dan il-kreditur ma wegibx ghall-korrispondenza tal-esponent dwar rinunzja dwar imghax ulterjuri, izda kif ser jintwera infra, ma taghmilx differenza ghaliex il-kredituri preferuti huma l-unici li ser jithallsu.)*

***Automated Revenue Management Services Limited*** *–*

*Permezz ta` rikors (fol 42) ARMS stqarret illi hi kreditrici tad-debitur fis-somma ta` sittax-il elf mija w tnejn u tmenin euro u sbatax-il centezmu (EUR 16,182.17) mill-5 t` April 2013 skond lodo fl-arbitragg numru EW 3586/2013 li kopja tieghu giet ezibita a fol 45 et seq. Dan il-lodo wkoll jakkorda l-ispejjez li ammontaw ghal elf mija w hmistax il-euro u wiehed u ghoxrin centezmu (EUR 1,115,21) , kif ukoll l-ispejjez ta` mandat ta` sekwestru fis-somma ta`miten u ghoxrin euro w erbgha w erbghin centezmu (EUR 220.44) (fol 53).*

***Rekapitu –***

***Automated Revenue Management Services Limited , sittax-il elf mija w tnejn u tmenin Eur u***

***sbatax-il centezmu EUR 16, 182.17) bl-imghax mill-5 ta` April 2013 sal-31 ta` Lulju 2017 u bl-ispejjez imsemmija.***

***Billboard Express Limited*** –

*Fir-rikors taghha il-kreditrici stqarret li hi tgawdi titolu ezekuttiv kontra d-debitur li jirrisali minn ittra ufficjali skont l-artikolu 166 A tat-12 ta` Novembru 2009 (fol 58) u reza ezekuttiva fil-5 ta` Jannar 2010. Il-kreditu vantat hu ta` hames mija disgha w erbghin Euro u tlieta w sebghin centezmu (EUR 549.73) Ma dan jizdiedu l-ispejjez tal-imsemmija ittra li huma tmienja w sebghin euro u wiehed u erbghin centzmu (EUR 78.41) kif ukoll mija w tmintax-il Euro u tmienja w hamsin centezmu (EUR 118.58) spejjez tal-mandat ta` qbid numru 211/2010.*

***Rekapitu –***

***BillBoard Express limited, hames mija disgha w erbghin Euro u tlieta w sebghin centezmu )EUR 549.73) u bl-ispejjez imsemmija.****"*

## 2. Konkluzjonijiet

Il-konkluzjonijiet tal-espert kienu dawn :-

*"Minn ezami tad-dokumenti jirrizultaw dawn il-konstatazzjonijiet :*

1. *Illi l-fondi depozitati huma inqas mill-krediti pretizi u kwindi mhux possibbli li l-krediti jithallsu kollha;*

2. *Illi hemm zewg kredituri li jidhru li ghandhom kawza ta` preferenza li huma dawn :*

*L-Ewwel Zewg Gradi*

*HSBC Bank Malta plc* ***(L-ewwel grad)*** *– I.3909/2013 – EUR 5269.50 bl-imghax fuq EUR 5,109.07 mill-11/10/2011 sal-31 ta` Lulju 2017*

*Vassallo Builders Group Limited* ***(It-tieni grad)*** *– I.6400/2014 – EUR 16,669.51 bl-imghaxx fuq EUR 16,300 mill-01/01/2012 sal-31 ta` Lulju 2017*

*Wara dawn hemm il-kredituri l-ohrajn li ghandhom krediti kirografarji u ghalhekk jaqghu fl-istess ordni ta` pregradwazzjoni fit-Tielet Grad:*

*ARMS Limited – EUR 16,182.17 bl-imghax u spejjez*
*Billboard Express Limited – EUR 549.73 bl-imghax u spejjez*

*General Gas Limited – EUR 1,156 bl-imghax u spejjez.*

***Il-kwistjoni ta` l-imghax***

*Il-kwistjoni ta` l-imghax trid soluzzjoni wahda biss, u cioe` illi jkun hemm data fissa sa liema l-imghax jigi kalkulat. Fin-nuqqas, jekk l-imghax jibqa` jinghadd sal-effettiv hlas, jigi illi qatt ma jista` jsir kalkolu ahhari meta jkun hemm izjed minn grad wiehed ta` kredituri. Ghalhekk f` da nil-kaz, l-esponent stieden lill-kredituri kollha permezz ta` messagg bil-posta elettronika tas-6 ta` Lulju 2017 sabiex dawn jirrinunzjaw ghall-imghax wara d-data maqbula tal-31 ta` Lulju 2017. Iz-zewg kredituri preferuti accettaw, kif ukoll accettaw BillBoard Express Limited u Automated Revenue Management Services Limited.*

*B` rizultat ta` dan, jirrzulta ghalhekk illi l-kreditu finali ta` HSBC Bank Malta plc jammonta ghal sebghat elef hames mija tnejn u sebghin euro u tnejn u sighin centezmu (EUR 7,572.92).*

*Dak ta` Vassallo Builders Group Limited huwa ta` tlieta w ghoxrin elf disa` mija sitta w erbghin euro wiehed u hamsin centezmu (EUR 23,946.51).*

*Ghalhekk hu evidenti illi l-krediti preferuti jammontaw flimkien ghas-somma ta` wiehed u tletin elf hames mija w dsatax-il euro u tlieta w erbghin centezmu (EUR 31,519.43) liema somma teccedi bi ftit is-somma komplessivament depozitata li hi ta` EUR 31,379.38c."*

L-espert kien tal-fehma illi d-depoziti li saru fic-cedoli 121/2011 ; 330/2011; 331/2011; 480/2011; 497/2011; 663/2011; 825/2011; 965/2011;

1034/2011; 1189/2011; 1462/2011 u 1463/2011 ghandhom jigu zbankati fl-intier taghhom minn HSBC Bank Malta plc filwaqt li c-cedola 1643/2011 ghandha tigi zbankata minn HSBC Bank Malta plc sal-ammont ta` EUR 498.50c.

Kien ukoll tal-fehma li d-depoziti li saru fic-cedoli 18/2012; 241/2012; 384/2012; 656/2012; 657/2012; 935/2012; 936/2012; 1061/2012; 1205/2012; 1347/2012; 1505/2012; 1650/2012; 1788/2012; 99/2013; 181/2013; 322/2013; 431/2013; 566/2013; 674/2013; 810/2013; 1015/2013; 1264/2013; 1576/2013; 1671/2013; 16/2014; 109/2014; 461/2014; 757/2014; 788/2014; 1079/2014; 1124/2014, 1418/2014; 1419/2014; 1496/2014; 1803/2014; 2075/2014; 2076/2014; 2566/2014; 245/2015 u 368/2015 ghandhom jigu zbankati fl-intier taghhom minn Vassallo Builders Group Limited mentri mic-cedola 1643/2011 Vassallo Builders Group Limited ghandha tircievi l-ammont ta` EUR 63.24c.

### 3. **Rettifika**

Wara li r-relazzjoni kienet ikkonfermata bil-gurament, l-espert deherlu li kellu jipprezenta relazzjoni addizzjonali unikament ghall-fini ta` rettifika, liema relazzjoni kkonferma wkoll bil-gurament.

Ighid hekk :-

> *"Illi l-esponenti jidher li ma hax konjizzjoni tal-affidavit ta` Automated Revenue Management Systems Limited li flimkien ma` kopja ta` nota ta` iskrizzjoni ta` ipoteka jinsab a fol 86-89 tal-process.*
>
> *Illi wara li ra n-nota ta` iskrizzjoni ta` ipoteka generali numru 12720 tal-2016, jirrelata illi din in-nota ma taghmilx differenza ghall-konkluzjoni fir-relazzjoni tal-esponent, minhabba illi l-iskrizzjonijiet ipotekarji a favur ta` HSBC Bank Malta plc u Vassallo Builders Group Limited huma pozjuri u xorta wahda dawn bejniethom jassorbu d-depoziti kollha li dwarhom sar il-konkors."*

## VI. **Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti sejra tqis l-ewwel il-punti sollevati minn ARMS Limited fir-rikors taghha tas-7 ta` April 2016. Din il-kreditrici kienet sostniet li l-procedura odjerna saret bi ksur tal-Kap 12 peress li t-talba hija intempestiva ghax ma

kenitx notifikata b`talba permezz ta` rikors ta` zbank sabiex taghti l-kunsens taghha ghall-izbank tal-ammonti depozitati bic-cedoli.

Il-Qorti tqis li tressqu provi li juru li kienu diversi l-kredituri li gabu pretensjonijiet dwar l-ammonti depozitati bic-cedoli.

Ghalhekk il-Qorti mhijiex tara intempestivita` kif prospettata minn ARMS Limited.

L-istess kreditrici tghid li r-rikors promotur huwa null ghaliex m`ghandux il-partikolarijiet rikjesti mil-ligi u cioe` li tali rikors kellu jigi ntavolat fl-atti ta` cedola ta` depozitu u mhux fl-atti ta` mandat ta` sekwestru kif prezentat. Inghad ukoll illi ma kienux annessi l-kopji tac-cedoli ta` depoziti in kwistjoni kif irid l-Art 418 tal-Kap 12.

Il-Qorti tqis li huwa minnu li l-okkju ta` r-rikors promotur jaqra "*wara l-mandat ta` sekwestru numru 1238/2013 fl-ismijiet Vassallo Builders Group Limited (C 2448) vs Alexander Caruana Soler (ID 166457M)".* Madanakollu, fir-rikors promotur hemm talba cara u inekwivoka sabiex il-Qorti tordna l-ftuh ta` konkors ta` kredituri skont l-Art 416 tal-Kap 12 fir-rigward ta` d-diversi cedoli ta` depoziti in kwistjoni.

Tajjeb jinghad illi ARMS Limited ma baqghetx tinsisti fuq l-allegata nullita` tar-rikors promotur tant li baqghet tippartecipa fil-procediment minghajr riserva u ressqet il-provi taghha ghall-fini tal-pregradwazzjoni tal-kreditu taghha fuq ohrajn.

Tenut kont tal-fatti u cirkostanzi ta` dan il-kaz, u meqjus il-fatt illi n-nullita` ta` att gudizzjarju hija sanzjoni estrema li l-qrati taghna kemm jista` jkun jevitaw sabiex b` hekk att jigi salvat, tqis il-procediment validu ghall-finijiet u effett kollha tal-ligi.

Dwar in-nuqqas li jigu allegati c-cedoli ta` depoziti, huwa evidenti li din il-kwistjoni kienet indirizzata u risolta bid-digriet li tat din il-Qorti stess fl-1 ta` Gunju 2017 meta c-cedoli ta` depoziti kollha gew allegati ma` l-atti ta` din il-procedura.

Sorvolati dawn il-kwistjonijiet, il-Qorti sejra issa tghaddi biex tevalwa l-mertu.

L-ghan ta` konkors ta` kredituri huwa li jistabilixxi liema kreditu jippregradwa fil-konfront ta` iehor. Il-kawza ta` preferenza trid tkun validament registrata skont il-ligi. Barra minn hekk, konkors ta` kredituri jintemm b`sentenza ta` qorti. Wara li ssir analizi tas-sahha legali tad-diversi krediti, anke mill-punto di visto ta` pregradwazzjoni, il-qorti tipprovdi.

Jirrizulta li l-procedura hekk kif delinjata fl-Art 416 tal-Kap 12 kienet debitament osservata.

Il-Qorti tikkondividi l-accertamenti ta` fatt u ta` dritt li saru mill-espert legali u taghmilhom taghha ghall-finijiet u effetti kollha ta` din id-decizjoni.

Fl-istess waqt ticcara li tenut kont ta` l-iskrizzjoni ipotekarja li ghamlet Automated Revenue Management Systems Limited bin-numru progressiv 12720/2016 ezebita a fol 89, din il-kreditrici ghandha kawza ta` preferenza u ghandha taqa` fit-tielet grad. Huma mbaghad Billboard Express Limited u General Gas Limited li ghandhom krediti kirografarji u jaqghu fl-istess ordni ta` pregradwazzjoni fir-Raba` Grad.

Jigi sottolinjat ukoll illi minkejja l-pretensjonijiet taghha, is-socjeta` rikorrenti ma ressqitx prova ta` l-ispejjez relatati mal-mandat ta` sekwestru pprezentat minnha u ghalhekk tali spejjez ma gewx inkorporati fil-konkors ta` kredituri.

Finalment, ghandu jinghad li l-fondi depozitati huma anqas mill-krediti pretizi u ghalhekk il-krediti ma jistghux jithallsu kollha.

Huma l-krediti ta` l-ewwel zewg gradi ta` kredituri, ossija HSBC Bank Malta plc u Vassallo Builders Group Limited li sejrin jithallsu. Il-bqija mhux sejrin jithallsu nuqqas ta` fondi.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dan il-konkors billi –**

**Tiddikjara li s-somom ta` flus depozitati permezz tac-cedoli ta` depozitu numri 121/2011; 330/2011; 331/2011; 480/2011; 497/2011; 663/2011; 825/2011; 965/2011; 1034/2011; 1189/2011; 1462/2011; 1463/2011; 1643/2011; 18/2012; 241/2012; 384/2012; 656/2012; 657/2012; 935/2012; 936/2012; 1061/2012; 1205/2012; 1347/2012; 1505/2012; 1650/2012; 1788/2012; 99/2013; 181/2013; 322/2013; 431/2013; 566/2013; 674/2013; 810/2013; 1015/2013; 1264/2013; 1576/2013; 1671/2013; 16/2014; 109/2014; 461/2014; 757/2014; 788/2014; 1079/2014; 1124/2014, 1418/2014; 1419/2014; 1496/2014; 1803/2014; 2075/2014; 2076/2014; 2566/2014; 245/2015 u 368/2015 ghandhom iservu sabiex :**

**L-ewwel tithallas HSBC Bank Malta plc is-somma ta` sebat elef, hames mija u tnejn u sebghin Ewro u tnejn u disghin centezmu (EUR 7,572.92) rapprezentanti sorte, imghax dekors mit-12 ta` Ottubru 2011 sad-data miftehma bejn il-kredituri konkorrenti tal-31 ta` Lulju 2017 u spejjez legali relatati ma` l-ittra ufficjali numru 3801/11 fl-ismijiet *HSBC Bank Malta plc vs Alexander George Caruana Soler* ;**

**It-tieni tithallas Vassallo Builders Group Limited is-somma ta` tlieta u ghoxrin elf disa` mija sitta u erbghin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (EUR 23,946.51c) rapprezentanti sorte, imghax dekors mill-1 ta` Jannar 2012 sal-31 ta` Lulju 2017 (ossija d-data miftehma bejn il-kredituri konkorrenti) u spejjez tal-ittra ufficjali bin-numru 205/13 fl-ismijiet *Vassallo Builders Group Limited vs Alex Caruana Soler ;***

**Tiddikjara illi mill-ammont depositat fuq riferit ma huwa se jifdal xejn biex jithallsu l-bqija tal-krediti mertu ta` dan il-konkors, u ghalhekk dawk il-krediti sejrin jibqghu nsodisfatti.**

**Tordna lil Vassallo Builders Group Limited sabiex thallas l-ispejjez ta` dan il-procediment, liema spejjez ghandhom kollha jippregradwaw fl-ewwel grad.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**